**Addendum għall-Iskema Persuni b'Diżabilità**

## 1. Għan tal-Addendum

Permezz ta' dan l-addendum, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tgħin lill-familji b'membri b'diżabilità li jesperjenzaw sfidi sensorji.

L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li tagħti għajnuna finanzjarja lil dawn il-familji biex tkopri parti mill-ispiża għax-xiri ta' tagħmir sensorjali għall-bżonnijiet ta' dawn il-persuni. Qabel ma tagħti għajnuna finanzjarja, *Occupational Therapist* jara d-dar biex janalizza l-bżonnijiet tal-klijent. It-tagħmir sensorjali jista' jgħin lil persuni b'diżabilità li jesperjenzaw sfidi sensorji biex jirrilassaw, jiffokaw u jikkalmaw għal xenarju jew avveniment partikolari. Dan jgħinhom jifhmu l-affarijiet b'anqas biża u skumdità u jippermettilhom jilagħbu b'mod naturali. Ġugarelli sensorjali għat-tfal jgħinuhom jiżviluppaw ħiliet ta' tagħlim soċjali bħall-ippjanar, negozjar, u l-qsim ma' ħaddieħor. Għajnuna finanzjarja tista' tingħata ukoll biex jitwettqu tibdiliet fi kmamar sensorjali. Kamra sensorjali hija kamra ddisinjata apposta li tgħaqqad firxa ta' stimoli biex tgħin lill-individwi jizviluppaw u jħaddmu s-sensi tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu dawl, kuluri, ħsejjes uaromi, kollha f'ambjent sigur li jippermetti lill-persuna li tużaha biex tesplora u tinteraġixxi mingħajr riskju.

## 2. Eliġibbilità

Il-kriterji ta' eliġibbilità huma kif stipulati fl-Iskema tad-Diżabilità tal-Awtorità tad-Djar ippubblikata fit-13 ta' Frar 2012 u l-emendi sussegwenti ppubblikati fl-1 ta' Novembru 2019.

## 3. Għajununa Finanzjarja

L-għajnuna finanzjara, sa €6,000 tista' tingħata sabiex tgħin lill-applikant fix-xiri ta' kwalunkwe tagħmir li jidher hawn taħt:-

- Traverse wall set
- Acrobat swing
- Activity panel – set of three
- Safety rotational device with safety snap
- Safety snap
- Bean bag chair
- Bilateral accessory
- Advantage Line 2-in-1 Bolster Swing & Trapeze
- Bilateral Bolster Swing
- Carousel
- Single rung climbing ladder
- Composite climbing wall
- Cocoon swing – child
- Cloud nine

- Crash pit
- Crash pit bench / Crash pit dust cover
- Crash pit slide
- Crash pit steps
- Interactive Vibro-Acoustic crash pit
- Cuddle Swing – Adult
- Disc swing
- Floor cushion
- 2-in-1 Frog Swing
- Height Adjuster with safety snap
- I-Beam or H-Beam
- Cloud Nine Inner liner
- Ladder wall
- In-FUN-ity Wall Ladder
- Land mat (10cm)
- Large Scooter Board Ramp
- 1.8m x 0.9m floor mat (with velcro)
- 2m x 1m floor mat (with velcro)
- Advantage line Moon Swing
- Advantage line Platform Swing
- Flying Purple People Eater
- Small Rocker Board
- Rocking barrel – adult
- Eye Splice & 6m Therapy Rope
- Heavy-Duty Rotational Device with safety snap
- In-FUN-ity Scooter Board Ramp
- Advantage Line Scooter Board
- Sky Sailor
- Sling Swing – Adult
- Snuggle Swing
- Spiral floor Disc
- Suspension Bracket
- Deluxe T-Bar Includes VSD
- Adult Trapeze Bar
- Heavy-Duty Inner Tube
- Tube Swing Harness
- 1.8m x 1m Wall Mat
- Weighted Blanket Heavyweight Giant
- Cocoon swing – Adult

Barra minn hekk, għajnuna finanzjarja se tingħata għall-bdil tas-segwenti: -

- Madum tal-art biex jinkludi l-ebda disinn u ripetizzjoni ta’ disinn fil-madum
- Twieqi/bibien

# Skema għall-Persuni b'Diżabilità

## 1. Skop tal-Iskema

L-għan tal-Awtorità tad-Djar b'din l-iskema huwa li tiġi mogħtija għotja sabiex persuni b'diżabilità jrendu r-residenza tagħhom adegwata għall-bżonnijiet.

Persuni b'diżabilità jinkludu dawk li għandhom nuqqas fit-tul fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorjali li f'interazzjoni ma' diversi ostakli, jistgħu jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà jew fuq bażi ugwali ma' oħrajn

L-iskema torbot il-ħlas tal-għajnuna mal-bżonn tal-persuna. Għaldaqstant l-għotja tingħata biss skont il-bżonn tal-persuna b'diżabilità.

## 2. Tifsir

F'din l-iskema, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

"applikant" tfisser persuna b'diżabilità li tapplika għall-għajnuna fi flus taħt din l-iskema biex isiru xogħlijiet ta' titjib fir-residenza ordinarja tagħha. Meta l-persuna b'diżabilità tkun taħt it-tmintax-il (18) sena l-ġenituri tal-persuna b'diżabilità jitqiesu bħala applikanti. Meta l-applikazzjoni ssir minn tnejn jew aktar flimkien, għandha tinkludi l-applikanti kollha;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità' tad-Djar, imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att tal-Awtorità tad-Djar 1976; (kap. 261);

"Chairman" tfisser Chairman tal-Awtorità tad-Djar u tinkludi kull persuna awtorizzata biex taġixxi għan-nom tiegħu;

F'din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

## 3. Applikazzjonijiet għall-Għajnuna taħt din l-Iskema

(i) Persuna li tikkwalifika biex tapplika għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha tissottometti applikazzjoni online mis-sit elettroniku tal-Awtorità tad-Djar jew timla' formola preskritta mill-Awtorità tad-Djar. Il-formoli jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar 22, Triq Pietro Floriani, Floriana u mill-fergħa tal-Awtorita' tad-Djar Uffiċċju 5 Livell 3 74 Triq Gorg Borg Olivier Victoria, Għawdex jew fuq tal-Awtorità. F'każ li l-persuna ma tkunx tista' tiġi personalment minħabba d-diżabilità tagħha, tista' tibgħat l-applikazzjoni ma' persuna tal-fiduċja tagħha.

(ii) L-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema tikkonsisti f'għajnuna fi flus għax-xogħlijiet mitluba.

(iii) Tiġi kkunsidrata applikazzjoni waħda biss għal kull persuna u għall-istess xogħol. F'każ illi f'dar waħda jkunu qed jabitaw aktar minn persuna waħda b'diżabilità u l-ħtiġijiet tad-diżabilità ta'

persuna waħda jkun differenti mill-ħtiġijiet tal-persuna l-oħra, allura jkunu jistgħu jsiru applikazzjonijiet diversi bil-kundizzjoni li x-xogħlijiet fil-każ ta' ħtiġijiet ta' persuna waħda ma jkunux ukoll adatti għall-ħtiġijiet tal-persuna l-oħra.

## 4. Kwalifika għall-Applikazzjoni għall-Għajnuna taħt din l-Iskema

Persuna tikkwalifika biex tapplika għall-għajnuna taħt din l-iskema meta, fid-data tal-applikazzjoni jew taħt klawsola 3 (iii) msemmija hawn fuq l-applikant huwa s-sid, il-kerrej konoxxut, l-enfitewta perpetwu jew temporanju, ma jippossjediex titolu fuq il-post iżda qiegħed jgħix fih bil-permess ta' sid id-dar li fuqha qed issir it-talba għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema u jrid ikun:-

(i) l-applikant, jew f'każ ta' koppja miżżewġa jew żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili, wieħed mill-koppja, huwa ċittadin Malti, jew ċittadin tal-Unjoni Ewropea, jew igawdi minn stat ta' refuġjat jew minn protezzjoni sussidjarja jew jipposjedi stat ta' *long term residence jew specific authorisation*.

(ii) (a) f'każ ta' koppja miżżewġa jew żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili, l-applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha ssir flimkien u *in solidum*;

(b) f'dawk il-każijiet fejn, fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità tad-Djar, il-koppji jiġu kkunsidrati *bona fide de facto* separati, l-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa minn wieħed/waħda mill-koppja li attwalment ikun/tkun jirrisjedi/tirrisjedi fil-fond li fuqu qed tintalab l-għajnuna taħt din l-iskema. F'dan il-każ, wieħed/waħda mill-koppja li jkun/tkun jgħix/tgħix permanentament fil-fond jikkwalifika anke f'każ li l-irċevuti tal-kera jkunu ħarġu f'isem wieħed/waħda mill-koppja l-ieħor/l-oħra u f'dan il-każ il-persuna trid tkun ċittadin/a Malti/ja u/jew tal-Unjoni Ewropea jew igawdi minn stat ta' refuġjat jew minn protezzjoni sussidjarja jew jipposjedi stat ta' *long term residence jew specific authorisation* u residenti ordinarjament Malta;

(iii) l-użu tal-fond bħala residenza huwa skont il-liġi u mhux ta' livell *substandard* u/jew ta' periklu;

(iv) l-applikant huwa rappreżentant legali, ġenitur, ulied jew aħwa tal-persuna b'diżabilità, jew huwa nnifsu għandu xi diżabilità kif msemmija aktar 'il fuq.

## 5. Persuna li tkun diġa' bbenefikat qabel

(i) Persuna li tkun diġa' bbenefikat taħt xi skema oħra għall-persuni b'diżabilità maħruġa mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali u/jew l-Awtorità tad-Djar m'għandhiex għal dik ir-raġuni waħedha tiġi skwalifikata milli tagħmel applikazzjoni taħt din l-iskema basta:

(a) ix-xogħlijiet li għalihom qed tintalab l-għajnuna taħt din l-iskema mhumiex l-istess xogħlijiet li għalihom ingħatat għajnuna fi skemi preċedenti li permezz tagħha l-applikant ikun ibbenefika minnha għall-persuni b'diżabilità; u dan sakemm l-effett ta' xogħlijiet ma spiċċax minħabba raġunijiet mhux attribwibbli lill-applikant;

(b) l-ammont totali tal-għotja meħuda taħt l-iskemi kollha indikati fil-paragrafu preċedenti li permezz tagħha l-applikant ikun ibbenefika minnha għall-persuni b'diżabilità flimkien

mal-ammont tal-għotja li jikkwalifikaw għaliha taħt din l-iskema, ma jeċċedix flimkien l-ammont kif jirriżulta taħt Klawsola 10;

(ii) Persuna tista' tapplika aktar minn darba waħda taħt din l-iskema basta :-

(a) li l-għajnuna li tkun qed tintalab fit-tieni applikazzjoni jew oħrajn sussegwenti taħt l-istess skema ma tkunx/jkunx għall-istess xogħlijiet li fuqhom tkun diġa ngħatat l-għajnuna; u dan sakemm l-effett ta' xogħlijiet ma spiċċax minħabba raġunijiet mhux attribwibbli lill-applikant;

(b) l-ammont totali tal-għajnuna taħt din l-istess Skema u/jew skemi preċedenti ma jeċċedix flimkien l-ammont ta' kif jirriżulta taħt Klawsola 10.

## 6. Miżżewġin Legalment jew *Bona Fide De Facto* Separati

(i) Applikant li jkun legalment mifrud għandu jippreżenta kopja tad-deċiżjoni finali tal-Qorti kompetenti awtentikata li tippronunzja l-firda jew kopja tal-kuntratt tal-att pubbliku li jagħti effett lill-firda bil-kunsens taż-żewġ miżżewġin bl-awtorita' tal-Qorti kompetenti.

(ii) Applikant li jkun persuna *bona fide de facto* mifruda għandu jipprovdi għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tad-Djar prova li huwa fil-fatt hekk mifrud u f'dan is-sens għandu jipprovdi kull dokument, affidavit, dikjarazzjoni legali u kull prova oħra li huwa jħoss bżonnjuża sabiex tagħti din il-prova. Ikun fid-diskrezzjoni tal-Awtorità tad-Djar li tiddeċiedi konklussivament jekk id-dokumenti provduti jkunux biżżejjed sabiex jippruvaw l-eżistenza tal-firda *de facto*.

## 7. Informazzjoni

L-Awtorità tista' titlob lill-applikant biex jiffirma u jikkonferma bil-ġurament kull dikjarazzjoni li hi tista' tqis meħtieġ għat-twettiq ta' din l-iskema u l-applikant għandu jippermetti lill-Awtorità li tispezzjona r-residenza ordinarja tiegħu u kull fond ieħor miżmum minnu skont kif l-Awtorità tista' titlob.

## 8. Ħlas Amministrattiv u Abbandun ta' Applikazzjonijiet

(i) L-applikant jiġi mitlub iħallas somma ta' għoxrin Ewro (€20) bħala ħlas amministrattivi li ma tiġux rifuża anke jekk l-applikazzjoni ma tkunx valida.

(ii) Meta xi applikant taħt din l-iskema jonqos jagħmel ix-xgholjijiet approvati taħt din l-iskema fi żmien tnax-il (12) xahar, l-applikazzjoni tiegħu titqies li ġiet abbandunata u kull ħlas u depositu mħallsa minnu jintilfu. F'kull każ, kull spiża magħmula mill-applikanti in konnessjoni mal-applikazzjoni tiegħu tkun a karigu tiegħu ma jiġux meħuda lura mill-istess applikanti kemm jekk l-applikazzjoni tkun aċċettata mill-Awtorita' u anke jekk ma tiġix aċċettata mill-Awtorita'.

## 9. Familji b'membri b'diżabilità li jesperjenzaw sfidi sensorji.

Taħt din l-Iskema l-Awtorità tad-Djar ser tgħin ukoll lill-familji b'membri b'diżabilità li jesperjenzaw sfidi sensorji. L-għan ta' dan huwa li tagħti għajnuna finanzjarja lil dawn il-familji biex tkopri parti mill-ispiża għax-xiri ta' tagħmir sensorjali għall-bżonnijiet ta' dawn il-persuni.

It-tagħmir sensorjali jista' jgħin lil persuni b'diżabilità li jesperjenzaw sfidi sensorji biex jirrilassaw, jiffokaw u jikkalmaw għal xenarju jew avveniment partikolari. Dan jgħinhom jifhmu l-affarijiet b'anqas biża u skumdità u jippermettilhom jilagħbu b'mod naturali. Ġugarelli sensorjali għat-tfal jgħinuhom jiżviluppaw ħiliet ta' tagħlim soċjali bħall-ippjanar, negozjar, u l-qsim ma' ħaddieħor. Għajnuna finanzjarja tista' tingħata ukoll biex jitwettqu tibdiliet fi kmamar sensorjali. Kamra sensorjali hija kamra ddisinjata apposta li tgħaqqad firxa ta' stimoli biex tgħin lill-individwi jizviluppaw u jħaddmu s-sensi tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu dawl, kuluri, ħsejjes uaromi, kollha f'ambjent sigur li jippermetti lill-persuna li tużaha biex tesplora u tinteraġixxi mingħajr riskju.

## 10. Għajnuna fi flus għal Xogħlijiet ta' Titjib

(a) L-għajnuna fi flus tista' tiġi mogħtija biss għal skop ħalli tgħin l-applikant biex iwettaq ix-xogħlijiet li ġejjin, jiġifieri :-

***(1) Kamra tal-Banju***

Tneħħija ta' banju/installar ta' *walk-in showers;*
Installazzjoni ta' sink u WC adegwat;
Twaħħil ta' madum tal-art *non-slip;*

***(2) Lifts***

Installazzjoni ta' *stair-lift* ;
Installazzjoni ta' Platform lift*;*
Installazzjoni ta' *Passenger Lift / Home Lift.*

***(3) Tagħmir sensorjali***

***(4) Tagħmir biex jassisti aktar mobilità***

Bath-boards
Lifting aids
Grab rails
Hoists
Swing away grab rails
Shower chairs
Toilet Raiser

Minkejja dak li jingħad aktar 'il fuq jista' japprova għajnuna għal dawk ix-xogħlijiet li ma jidhrux taħt Klawsola 10.

(b) Kull pagament isir wara li jkunu preżentati riċevuti fiskali u *invoices* tax-xogħol li sar.

(c) L-għajnuna fi flus ma tingħatax mill-Awtorità jekk il-permessi kollha rikjesti mill-liġi ma jkunux miġjuba.

(d) L-għajnuna ta' flus għax-xogħlijiet approvati taħt din l-iskema m'għandhiex teċċedi l-ispiża totali u raġjonevoli tax-xogħlijiet li għandhom isiru bl-approvazzjoni tal-Awtorità tad-Djar u f'kull każ m'għandhiex teċċedi kif indikat hawn taħt :-

(1) fil-każ ta' xogħlijiet ta' kamra tal-banju, l-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €5,400;

(2) fil-każ ta' tagħmir sensorjali, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €6,000 ;

(3) fil-każ ta' *lifting aids, hoists, grab rails, swing away grab rails u shower chair*, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €3,000;

(4) fil-każ ta' lifts fi blokki ta' appartamenti privati fejn ikun hemm persuna b'diżabilità jingħata l-ammont relatat mas-sehem tal-applikant għall-installazzjoni tal-lift sa massimu ta' €7,000;

(5) fil-każ ta' lifts fi djar privati fejn ikun hemm persuna b'diżabilità, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €20,000 ;

(6) fil-każ ta' xogħlijiet ta' stairlift u *platform lifts,* il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €7,000.

Fil-każ ta' installar ta' stairlifts ġewwa blokki proprjetà tal-Gvern/Awtorità tad-Djar, l-Awtorità iżżomm d-dritt li tapprova aktar minn stairlift wieħed fl-sulari differenti sabiex il-blokk jiġi aċċessibbli għal-bżonnijiet tar-residenti. Oltre dan, l-Awtorità tad-Djar tirriserva d-dritt li tapprova l-ammont kollu tal-istairlift meta dan jeċċedi s-€7,000.

## 11. Kundizzjonijiet għall-Assistenza

(i) L-Awtorità tad-Djar għandha d-dritt li tirreġistra favur tagħha Ipoteka Ġenerali skont il-liġi fejn tkun ingħatat għotja għall-installar ta' lifts fi djar privati, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet oħra skont il-liġi u dan biex tikkawtela r-reimborz tal-għajnuna kif ukoll it-tħaris tal-obbligi kollha tal-benefiċjarji. F'każ li l-persuna ma tkunx tista' tidher għall-ftehim minħabba d-diżabilità, persuna tal-fiduċja tagħha tista' tidher għaliha sakemm tiġi provduta Prokura.

(ii) F'każ li x-xogħol li jrid isir, ser isir f'dar li mhix proprjetà tal-applikant, l-applikant huwa responsabbli li jottjeni l-permessi kollha neċessarji mis-sid ħalli jagħmel it-tibdil u x-xogħlijiet meħtieġa. Ikun obbligu tal-inkwilin li jara li l-bidliet u tiswijiet li jkun irid li jsiru ma jippreġudikawx bl-ebda mod it-titolu ta' inkwilinat jew ċens jew kull titlu li bih hu jkun qed jokkupa il-fond. L-Awtorità tad-Djar ma tkunx responsabbli bl-ebda mod għal telf ta' titlu li jipproteġi lill-applikant minħabba xi xogħol li jista' jsir jew ikun sar taħt din l-iskema. Jiġi rilevat ukoll li kull xogħol li jkun qed isir taħt din l-iskema jkun qed isir mill-applikant u mhux mill-Awtorità li b'din l-iskema tkun qiegħda biss tissussidja l-prezz tax-xogħlijiet. Għalhekk ukoll l-Awtorità ma tkunx bl-ebda mod responsabbli għat-tiswijiet u xogħlijiet li jkunu qegħdin isiru jew li jkunu saru. Din ir-responsabbilità taqa' biss fuq l-applikant.

## 12. Ħlas tal-Għajnuna Finanzjarja

L-għajnuna finanzjarja tingħata wara li l-applikant jipprovdi riċevuti fiskali u *invoices* tax-xogħlijiet magħmula kif indikat fl-iskema u l-applikazzjoni. Ix-xogħlijiet iridu jitlestew fi żmien sena mid-data tal-approvazjoni maħruġa mill-Awtorità tad-Djar lill-applikanti.

## 13. Kontrolli Każwali

Waqt li l-Awtorità tad-Djar mhiex ser tagħmel spezjonijiet f'kull residenza tal-applikanti taħt din l-iskema, l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tagħmel numru ta' kontrolli każwali kemm biex jiġi

verifikat li l-applikanti għadhom jirrisjedu fil-proprjetà li fuqha ibbenefikaw għal għotja kif ukoll biex jiġi verifikat li ġew installati x-xgħolijiet kollha approvati u mħallsa mill-Awtorità tad-Djar.

**14. Piena għal Dikjarazzjoni Falza**

Jekk f'xi żmien jirriżulta li l-applikanti jkunu għamlu dikjarazzjoni falza jew taw informazzjoni u dokumenti mhux korretti għall-finijiet tal-applikazzjoni, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huma jkunu setgħu saru suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, l-applikanti, jkunu suġġetti għall-pagament lill-Awtorità ta' penali li tkun ekwivalenti għas-somma totali ta' kull sussidju li minnu jkunu bbenefikaw l-applikanti taħt din l-iskema. Huma jkunu ukoll skwalifikati għall-perjodu ta' ħames (5) snin milli jibbenefikaw taħt xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għad-Djar, u jitilfu d-dritt għal xi sussidji taħt din l-iskema.

**Dikjarazzjonijiet/dokumenti skorretti jew foloz jistgħu jesponu lill-applikanti għal proċeduri kriminali.**

**15. Vakar tar-Residenza li fuqha qed tingħata Għajnuna u Reimborz tal-Għajnuniet f'Għotja għat-Titjib.**

(i) Id-dar ta' abitazzjoni li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema, għandha tiġi okkupata u użata minn sidien jew inkwilin esklussivament bħala r-residenza ordinarja tagħhom għal perjodu ta' mhux anqas minn għaxar snin mid-data tal-pagament finali tax-xogħljiet approvati taħt din l-iskema. F'każ ta' sidien, id-dar ta' residenza li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema ma tistax tiġi trasferita taħt titolu *Inter Vivos* qabel l-għeluq tal-għaxar snin mill-pagament finali tax-xogħlijiet approvati taħt din l-iskema.

Minkejja dak li jingħad fuq, l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha u dana biss fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali biex tevita jew tnaqqas tbatija lill-benefiċjarji tad-dar li fuqha ngħatat assistenza taħt din l-iskema, tagħti l-kunsens tagħha għall-vakar ta' din id-dar qabel l-għeluq tal-għaxar snin, suġġett għall-kundizzjonijiet li tħoss xieraq, inkluż, mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad fl-iskema, il-kundizzjoni li jsir reimborz tal-għajnuna mogħtija lill-benefiċjarji u dan bla preġudizzju għall-ġeneralita' ta' dak li ingħad f'din l-iskema.

Barra minn każ ta' trasmissjoni *causa mortis*, f'każ li tali dar f'kull waqt tiġi trasferita *inter vivos*, jew f'każ li d-dar ma tibqax fil-pussess u/jew okkupata mill-benefiċarju qabel l-għeluq tal-għaxar snin mid-data tal-pagament finali tax-xogħlijiet approvati taħt din l-iskema, l-għotja mogħtija trid tiġi rifuża lura lill-Awtorità tad-Djar fl-intier tagħha.

(ii) Suġġett għad-dispożizzjoni ta' paragrafu (i) ta' din il-klawsola, kull dar li fuqha tingħata għajnuna taħt din l-iskema ma tistax tiġi trasferita taħt l-ebda titolu, barra bi trasferiment *causa mortis.* Sakemm meta t-trasferiment tad-dar li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema isir, il-benefiċjarji għandhom jagħtu lill-Awtorità avviż ta' xahar rigward l-intenzjoni li jittrasferixxu l-imsemmija dar u l-Awtorità tittermina minnufih kull arranġament għas-sussidji taħt din l-iskema.

(iii) Barra minn każ ta' trasmissjoni *causa mortis*, fejn ġie installat stairlift jew lift ġo dar li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema u tali dar ser tiġi trasferita taħt kull titolu, l-ammont f'għotja li irid jiġi mħallas lill-Awtorità tad-Djar jkun kif jirriżulta mit-Tabelli t'hawn taħt:-

**F'każ ta' Stairlift**

| **Żmien fi Snin wara d-Data tal-Pagament Finali** | **Ħlas Lura ta' Sussidju** |
|---|---|
| Sa' l-1 sena | 90% |
| Bejn l-1 u t-2 sena | 70% |
| Bejn it-2 u it-3 sena | 50% |
| Bejn it-3 u ir-4 sena | 30% |
| Bejn ir-4 u il-5 sena | 10% |
| Wara il-5 sena | Ma jitħallas xejn lura |

**F'każ ta' Lifts**

| **Żmien fi Snin wara d-Data tal-Pagament Finali** | **Ħlas Lura ta' Sussidju** |
|---|---|
| Sa' l-10 sena | 100% |
| Bejn l-11 u t-12-il sena | 90% |
| Bejn it-12 u t-13-il sena | 70% |
| Bejn it-13 u l-14-il sena | 50% |
| Bejn l-14 u l-5-il sena | 30% |
| Wara il-15-il sena u aktar | 10% |

(iv) Il-provedimenti tas-sub-klawsola (i) u (ii) u (iii) ta' dan l-artikolu għandu japplika *mutatis mutandis* meta l-benefiċjarju ma jibqax jabita fid-dar fejn sar ix-xogħol bl-għajnuna ta' din l-iskema bħala r-residenza ordinarja tiegħu.

## 16. Dritt ta' Rifjut ta' Applikazzjoni

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema, l-Awtorità għandha d-dritt fid-diskrezzjoni assoluta tagħha li tirrifjuta kull applikazzjoni u d-deċiżjoni tagħha tkun finali.

L-Awtorità għandha l-jedd li twaqqaf u / jew tirtira din l-iskema kif ukoll tibdel il-kundizzjonijiet tagħha f' kull każ anke b'mod retroattiv u ebda persuna għalhekk m'għandha tqis li din l-iskema tagħtiha xi dritt akkwiżit. U tali bdil ma jesponix lill-Awtorità għal xi azzjoni għad-danni. Applikazzjoni li tkun ġiet milqugħa tista wara tiġi rifjutata jekk ikunu ġew mibdula il-kundizzjonijiet tal-iskema wara l-ilqugħ tal-applikazzjoni.

## 17. Validita' tal-Iskema

Din l-iskema tibqa' *in vigore* għal perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għal perjodu ta' sena oħra sakemm ma jiġix ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern avviż li jtemm l-iskema.

## 18. Interpretazzjoni

F’kull każ qed jiġi ribadit li f’każ ta’ diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.

## 19. Emendi għall-Iskema

L-Awtorità żżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern. Tali emendi jistgħu jsiru anke biex japplikaw b’ mod retroattiv. Ebda emenda ma tista’ tesponi lill-Awtorità għal xi azzjoni ta’ danni jew għal xi azzjoni legali oħra.

2025